FGURA

Minuti ta` l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 9 ta’ Lulju 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| Viċi Sindku | Is-Sur A.Degiovanni |
| Kunsillieri: | Is-Sur C.Bonello<br>Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S.Camilleri<br>Is-Sur M.Lombardo<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur A.Debono<br>Is-Sinjura R.Cutajar. |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

## 1. Aċċettazzjoni / Ħatra ta’ Sindku

Is-Sur S.Camilleri bħala l-aktar Kunsillier anzjan ippresjeda l-ftuħ tal-laqgħa. Skond il-liġi tal Gvern Lokali Chap.363 is-Sur D. Marmara` ġie mistoqsi jekk jaċċettax il-Kariga ta’ Sindku għal Lokalita tal-Fgura. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċetazzjoni. Hawn is-Sur D.Marmara` ppresjeda il-laqgħa bħalha Sindku.

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera preżenti u stedinhom biex kulħadd jaħdem id f’id u b’rispett lejn xulxin għall-ġid tal-Fgura.

## 1.1 Aċċettazzjoni / Ħatra ta’ Viċi Sindku

Is-Sindku skond il-Ligi tal-Gvern Lokali Chap 363 staqsa lis-Sur A.Degiovanni jekk jaċċettax il-Kariga ta’ Viċi Sindku għal Lokalita tal-Fgura. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċetazzjoni.

Il-Viċi Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera u wiegħed li flimkien mal-Kunsilliera sħabu lest biex jagħmel l-għalmu tiegħu kollu biex jagħmel differenza għal aħjar għar-residenti tal Fgura.

Il Kunsillier is-Sur C.Bonello feraħ lis-Sindku u l-Viċi Sindku. Qal li f’isem

sħabu lest li jaħdem u jikkopera mall-Kunsilliera kollha, wara li l-poplu għażel u kulħadd għandu jirrispetta din id-deċiżjoni. Tenna wkoll li x-xogħol u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandu jkun meħuda fuq livell ta' Kunsilliera u mhux ta' politika parteġjana, għax il-Kunsill qiegħed għall-ġid tar-residenti.

**2.0 Responsabilitajiet**

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2498/09/6 "Sabiex jiġu approvati ir-responsabiltajiet tal-Kunsilliera annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2498/09/6 kienet approvata nem con.

**3.0 Kumitati**

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2499/09/6 "Sabiex jinħatar il-Kumitat tal-Finanzi minn: Sindku (Chairman), V/Sindku, Mark Lombardo, Lawrence Cauchi u Nicholas Baldachino". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2499/09/6 kienet approvata nem con.

**4.0 Ħlasijiet**

**Purchase Request Forms** - Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2500/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Ittieħed vot.

Favur: Is-Sindku, Viċi Sindku, Is-Sur C.Bonello, Is-Sur B.Camilleri, Is-Sur S.Camilleri, Is-Sur M.Lombardo, Is-Sur P.Dalli u s-Sinjura R.Cutajar

Kontra: Is-Sur A.Debono

Astenzjoni: Hadd

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2500/09/6 kienet approvata bi tminn voti favur, vot kontra u l-ebda astenzjoni.

**Ħlasijiet** - Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2501/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi bl-eċċezzjoni ta' l-Asfaltar Ltd." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittiehed vot.

Favur: Is-Sindku, Viċi Sindku, Is-Sur C.Bonello, Is-Sur B.Camilleri, Is-Sur S.Camilleri, Is-Sur M.Lombardo, Is-Sur P.Dalli u s-Sinjura R.Cutajar

Kontra: Is-Sur A.Debono

Astenzjoni: Hadd

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2501/09/6 kienet approvata bi tminn voti favur, vot kontra u l-ebda astenzjoni.

**5.0 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

**5.1** Is-Sindku spjega li l-Kunsill il-ġdid għandu Deputat Segretarju ġdid. Il-Kunsillier is-Sur C.Bonello qal li għandna naraw is-Sur Alex Grima x'ser jagħmel biex il-Kunsill ma jibqax imdendel sa l-aħħar. Is-Sindku qal li fi ftit ġimgħat oħra għandu jerġa jagħmel kuntatt mas-Sur Alex Grima u jitolbu biex jagħtina d-deċiżjoni finali.

**5.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li skond il-Proċeduri tal-Kunsilli Lokali jrid jitħejja Pjan ta Ħidma u Budget għas-sena kurrenti u Pjan ta` Ħidma għat-tliet snin li ġejjin. Minħabba hekk il-Kunsilliera kollha għandhom jgħaddu l-pjanijiet tagħhom sal-ahhar tax-xahar biex jiġi kkunsidrat f'dan ir-rapport, naturalment ix-xogħol li kien diġa mfassal mill-Kunsill preċedenti għandu jkun fuq quddiem nett ta' l-Agenda ta' dan il-Kunsill. Id-Deputat Segretarju ġibed l-attenzjoni li trid tintalab l-għajnuna ta' l-accountant tal-Kunsill biex jitħejjew dawn ir-rapporti. Kien hemm qbil dwar dan.

**5.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn din is-sena l-bejjiegħa tal-festa nstabilhom lok alternattiv, naturalment bi qbil magħhom u mal-Pulizija. Ingħata wkoll reklam bi ħlas lil tal-Banda u l-Kummissjoni Festa Esterna.

**5.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2502/09/6 "Sabiex jigi organiżżat l-ispeech therapy fl-iskola primarja bi spiża ta' mhux aktar minn 500 euros." Din kienet sekondata mill-Kunsilliera s-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2502/09/6 kienet approvata nem con.

**5.5** Is-Sindku nforma lill-Kunsill u l-Kunsillier s-Sur A.Debono bħalha l-Kunsillier inkarigat, li hemm laqgħa mal-Wasteserv fl-14 ta' Lulju, 2009 f' Santa Venera. Is-Sindku qal li għandna nsemmu l-Bring In Site ta' Triq il-Kampanella u biex issir camera fuq dawn is-sites. Il-Kunsillier is-Sur C.Bonello qal li mal-Waste Serv għandna nsemmu l-każi kollha pendenti u nesploraw il-possibilita ta' site wieħed bħala depot.

**5.6** Wara diskussjoni sar qbil li għandha ssir laqgħa mal-Kunsill ta' Ħaz Zabbar rigward il-bring in site biex issir f'Girdle Road f'konfini ta' Ħaz Zabbar.

**5.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2503/09/6 "Sabiex jinħatar Bord dwar faċilitajiet ta' l-uffiċċju minn: Deputat Segretarju, Sindku, Is-Sur B.Camilleri, Is-Sur M.Lombardo". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2503/09/6 kienet approvata nem con.

**5.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2504/09/6 "Sabiex jinxtara xkaffar għall-uffiċini bl-ispiża ta' mhux aktar min €2,000" Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2504/09/6 kienet approvata nem con.

**5.9** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2505/09/6 "Sabiex isiru l-Business Cards tal-Kunsilliera: 500 bil-Malti, 500 bl-Ingliż, għal kull Kunsillier bi spiża ta' mhux aktar minn €1,000". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2505/09/6 kienet approvata nem con.

**5.10** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2506/09/6 "Li dan il Kunsill jaċċetta t-talba tas-social worker Laura Fenech, li l-minuri li allegatament wettaq vandaliżmu fuq il-bieb tal Club House u l-graffiti fil bandli, jingħata iċ-ċans li jirranġa l-ħsara li għamel. Dan ix-xogħol għandu jsir taħt is-supervisjoni tas-social worker u mingħajr ma jkun hemm tfixkil għal proċeduri tal-qorti. " Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2506/09/6 kienet approvata nem con.

**5.11** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2507/09/6 "Sabiex toħroġ Il-hidma bi spiża ta' mhux aktar €600 inkluż it-tqassim." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2507/09/6 kienet approvata nem con.

## 6.0 Bdil ta' Firmatarji

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill, biex il-firmatarji tal-Kunsill jinbidlu mis-Sur Adrian Attard għas-Sur Kevin Borg. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7.0 Aġġornament

**7.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:15hrs u kienet aġġornata għal nhar it-Tnejn 3 t'Awissu, 2009 fis-18:30hrs.

____________________ Sindku

____________________ Deputat Segretarju